


# Frak mill-Istorja:
# Il-Bambina
## – Is-Sultana tal-Belt Senglea

**Joseph Serracino**



Fit-13 ta' Diċembru 2017, Joseph Serracino ġie onorat bil-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika

Fil-kitba tiegħi tas-sena l-oħra (Il-Belt Senglea) jien għaddejtilkom nitfa tagħrif dwar l-oriġini ta' dan il-ħanek art li fiż-żmien il-Gran Mastru Claude de la Sengle nbniet il-Belt ta' Senglea. Peress li din is-sena l-poplu Senglean qed ifakkar l-400 sena minn meta l-istatwa tal-Bambina ġiet fostna, ħassejt li fil-kitba ta' din is-sena niffoka dwar xi dati storiċi marbutin magħha, iżda qabel, infakkarkom f'dati oħrajn marbutin storikamant mas-Santwarju tagħha. Mibni bħala Monument tal-Assedju Kbir (1565) b'kitba (li tidher) minquxa fuq il-faċċata tiegħu – **Monumentum VM – Insignis Victoriae – A.D. MDLXV.** Iż-żewġ lapidi kbar tal-irħam, ingastati fil-ħajt bejn il-pilastri sewwasew fuq il-bibien laterali tal-knisja, li fuqhom naraw minquxin l-ismijiet tal-Kavallieri li ssieltu bi qlubija kbira fit-taqbid imdemmi li sar fuq is-swar tagħha fl-Assedju l-Kbir. Din il-lista ġiet miġbura minn Dom Mauru Inguanez.



*Il-Belt Senglea kif tidher mill-Barrakka ta' Fuq fil-Belt Valletta*



*Iż-żewġ lapidi kbar tal-irħam li jinsabu fuq il-bibien laterali tal-Bażilika u li fuqhom hemm minquxa l-ismijiet tal-Kavallieri li ssieltu bi qlubija kbira fit-taqbid imdemmi li sar fuq is-swar tal-Isla fl-Assedju l-Kbir tal-1565*

Il-Knisja Parrokkjali tal-Isla, iddedikata lit-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija. Il-knisja l-antika aktarx inbniet fuq pjanta tal-arkitett Vittorio Cassar. Saret parroċċa (ħarġet mill-Birgu) fil-bidu tas-sena 1581 u ġiet ikkonsagrata fl-20 ta' Ottubru 1743 mill-Isqof Paolo Alpheran de Bussan. Fil-21 ta' Mejju 1786, il-Papa Piju VI iddikjaraha Kolleġġjata Insinji. Fit 3 ta' Jannar 1921, il-knisja saret Bażilika b'digriet tal-Papa Benedittu XV. Fl-4 ta' Settembru 1921, l-istatwa ta' Marija Bambina ġiet inkurunanta u l-knisja saret Santwarju Marjan. Bejn is-16 u d-19 ta' Jannar 1941, il-knisja l-antika ġġarrfet bil-bombi tal-għadu. Fis-snin ħamsin il-knisja nbniet mill-ġdid, u fl-24 ta' Awwissu 1957, ġiet ikkonsagrata minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi.

L-istatwa tal-Bambina waslet fostna fl-1618. Kien żmien il-kappillan Dun Cosmo Talavera (1617-1634). Dwar it-tradizzjoni antika li waslet lilna minn ġenerazzjoni għal oħra u d-dokumentazzjoni riċerkata minn Patri Alessandru Bonnici, li kif nafu kien awtoritá f'dik li hi riċerka ekkleżjastika ktibt dwarhom fil-ktieb tal-Festa 2016. Ovvjament, id-dokumentazzjoni ta' Patri Bonnici tellfet ħafna mis-sabiħ tat-tradizzjoni ta' tfulitna, għaliex issa f'idejna kellna żewġ stejjer differenti li

jitkellmu dwar l-istess xbieha tal-Madonna - li minn statwa issa beda jingħad li kienet pulena. Hu x'inhu l-każ, m'hemmx l-iċken dubju, li d-destinazzjoni tagħha kien għal post ieħor u żgur mhux għal Malta. Quddiem din ir-realtà aħna nemmnu li l-wasla tagħha fostna fl-1618 kienet waħda providenzjali. Issa jekk kinitx statwa jew Pulena dik kwistjoni oħra. Ovvjament ħafna ma qablux ma' din it-teżi, kemm minħabba għax kienet xbieha qaddisa, iċ-ċokon tagħha (għax il-puleni kienu jkunu ħafna akbar) kif ukoll il-mod kif il-libsa tagħha hi miġmugħa fuq wara. Il-probabbilità hi, li din ix-xbieha kienet statwa tal-Madonna fuq Galjun li meta tfarrak bil-maltemp sabet ruħha fil-baħar. Fuq dan il-punt l-aħjar li nieqfu hawn!

Nafu li għall-ewwel snin din l-istatwa kienet taħt it-titlu tal-Kunċizzjoni kif ukoll bħala l-Bambina kif nafuha llum. Fil-fatt, antikament, bl-istess statwa kienu jsiru żewġ purċissjonijiet fis-sena waħda fit-8 ta' Settembru u l-oħra fit-8 ta' Diċembru.


L-orizzont — Suppliment Jum Nazzjonali — Is-Sibt, 8 ta' Settembru, 1973

Minn JOSEPH SERRACINO

# IL-BAMBINA TA' L-ISLA

**BLA DUBJU ta' xejn it-8 ta' Settembru għalina l-Maltin huwa l-Jum Nazzjonali tagħna, u aħna, bħal popli oħra fid-dinja kollha, niċċelebraw dan il-Jum għażiż b'pompa kbira. F'dan il-Jum, aħna l-Maltin, kemm dawk li għadhom igħixu f'dawn il-gżejjer kif ukoll dawk li huma 'l bogħod minn art twelidhom, jiftakru f'żewġ Assedji kbar li Malta għaddiet minnhom; l-ewwel wieħed dak tat-Torok fl-1565, u l-ieħor fil-bosta aħrax minn ta' l-ewwel bejn l-1939 u l-1945.**

*L-artiklu miktub mis-Sur Joseph Serracino dwar dati marbutin mal-Bambina tal-Isla fis-sena 1973*

F'artiklu li kont ktibt fuq gazzetta lokali fit-8 ta' Settembru 1973 li jitkellem dwar l-istatwa ta' Marija Bambina nsibu, li fis-seklu tmintax, l-istatwa mirakoluża ta' Marija Bambina, ivvenerata fil-knisja tagħha ġewwa l-Belt ta' Senglea ħarġet darbtejn minn din il-Belt fortizza f'pellegrinaġġi ta' penitenza u talb, biex ommna tas-sema teħlisna mill-flaġelli li Malta kienet għaddejja minnhom f'dak iż-żmien. Siltiet minn dan l-artiklu jfakkruna f'xi wħud mill-grazzji kbar li l-poplu tagħna qala' permezz tal-Madonna taħt ix-xbieha tal-Bambina, u li huma mniżżlin b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-parroċċa tal-Belt Senglea.

Fl-1718, Malta kollha kienet għaddejja minn skarsezza kbira tax-xita. L-Isqof ta' dak iż-żmien Mons. Fra Giovanni Cannaves (1713-1732) bagħat ċirkulari fil-knejjes kollha biex issir quddies għall-erwieħ u purċissjoni ta' penitenza l-Ħadd ta' wara, Dun Fortunat Vella (il-Kappillan tal-Belt ta' Senglea ta' dak iż-żmien) għamel prietka fuq il-bżonn tax-xita, u qal li ssir purċissjoni bl-istatwa tal-Bambina mill-Isla sal-Knisja tal-Madonna tal-Ħlas. U hekk għamel! Poplu bla qies inġabar madwar l-istatwa, kulħadd jibki u jitlob bil-qalb għal din il-grazzja. Ħwejjeġ tal-għaġeb, hekk kif il-vara waslet fil-Knisja tal-Ħlas bdiet nieżla x-xita bil-qliel, tant, li lanqas setgħu jerġgħu lura lejn il-belt.

Fl-1732 f'Malta għal darb'oħra kien hawn skarsezza kbira ta' xita. L-Isqof Mons. Fra Paulo Alferan (1728-1757), talab li f'kull parroċċa ssir purċissjoni bħala tpattija għall-ħtijiet tagħna, u biex Alla jagħtina din il-grazzja kbira għax bin-nixfa li kien hawn, ħafna annimali kienu qegħdin imutu kuljum.

Il-Kappillan Dun Furtunat Vella (1716-1778), minflok għamel din il-purċissjoni ġol-Belt Senglea, għamel pelligrinaġġ ta' talb u penitenza għall-Knisja tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, u hawnhekk ukoll infetħu bibien is-sema u bdiet nieżla x-xita. Wara tkanta t-*Te Deum* bħala ringrazzjament lil Alla.

Meta l-Istatwa tal-Bambina kienet dieħla fil-knisja ta' Ħaż-Żabbar imdawra minn folla kbira ta' devoti, seħħew żewġ mirakli. Mara tqila, wara tlett ijiem ta' uġigħ kbir tal-ħlas ma setgħetx teħles. It-tobba qalu li l-ħlas kien diffiċli ħafna, u kien hemm il-biża' li kemm l-omm kif ukoll it-tarbija ma jsalvawx. F'dak il-ħin instemgħu għaddejjin in-nies jirreċitaw b'devozzjoni kbira r-rużarju. Meta l-moribonda staqsiet x'kienu dawk in-nies, xi ħadd qrib tagħha qalilha li l-istatwa tal-Bambina nġiebet proċessjonalment mill-Isla.

Hawnhekk, il-mara talbet bil-qalb lil Sidtna Marija biex tagħtiha ħlas tajjeb. Il-Madonna semgħet it-talba tagħha! F'daqqa waħda l-uġigħ żdied, u l-mara tat lid-dinja ġmiel ta' tarbija li għaxxqet lil kulħadd. Bħala ringrazzjament lill-Madonna, għall-grazzja kbira li qalgħet, il-mara offriet iċ-ċurkett li kellha f'subgħajha. Tatu lill-ħaten tagħha, u dan tah lil xi ħadd biex minnufih iwettaq ix-xewqa tal-mara. Malli ressaq iċ-ċurkett lejn subgħajn il-vara, jingħad li l-Bambina ċaqalqet subgħajha biex ixxiddulha ġo fih. Kull min kien preżenti, niżel għarkupptejh u rringrazzja lil Alla għall-miraklu li għoġbu jwettaq quddiemhom.

Fl-1757, Malta ġiet maħkuma minn tempesti kbar (u aktarx xi terremoti). Dawn it-tempesti beżżgħu lil kulħadd tant, li l-Isqof Fra Bartolomeo Rull (1757-1770), ħareġ ċirkulari fejn talab lil kulħadd jitlob lil Alla biex jeħlisna minn dak il-flaġell. Il-Kappillan Dun Fortunat Vella għamel purċissjoni għall-Knisja tal-Portu Salvu bħala att ta' penitenza. Il-Madonna għal darb'oħra reġgħet semgħet it-talb tagħhom għax il-maltemp waqaf, u minn dakinhar sal-lum, għall-grazzja t'Alla qatt ma kellna maltempati kbar ta' dik ix-xorta.

Data oħra importanti ħafna fl-istorja tal-Belt Senglea hi l-1813. Il-fraġell tal-pesta kiefra tal-1813 tissemma ħafna fl-Istorja ta' Malta, b'mod speċjali fil-Belt Senglea, għaliex waqt li Malta kollha ġiet maħkuma minn din il-marda qerrieda, għall-grazzja t'Alla l-poplu tal-Belt ta' Senglea ma ġiex mittiefes. L-Arċipriet ta' dak iż-żmien

Dun Vincenz Cachia (1800-1822) ġabar il-poplu kollu quddiem l-istatwa tal-Bambina u talbuha bil-qalb li jekk hi teħles lil belthom mill-qirda tal-pesta, huma jwegħduha li ta' kull sena jsiru tliet purċissjonijiet, waħda ta' Ġesù Redentur fl-aħħar Ħadd ta' Ġunju, ta' Santu Rokku (qaddis Patrun tal-Pesta) fil-Ħadd li jiġi wara l-festa tiegħu fis-16 ta' Awwissu, u l-oħra ta' Marija Bambina fil-Jum tat-Twelid tagħha nhar it-8 ta' Settembru. Il-wegħda li l-poplu tal-Belt Senglea għamel lill-Madonna fit-8 ta' Settembru 1813 ġiet ikkonfermata mill-Isqof Senglean Ferdinando Mattei fl-4 ta' Mejju 1814.

Jeżistu għadd ġmielu ta' dati storiċi ta' pelligrinaġġi oħra ta' talb, fejn l-istatwa tal-Bambina ħarġet mis-Santwarju tagħha u ttieħdet proċessjonalment fil-Knisja tal-Portu Salvu li mhux inklużi f'din il-kitba. Kif nafu fl-4 ta' Settembru 1921, l-istatwa ta' Marija Bambina kienet ġiet inkurunata b'kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż fix-Xatt tal-Isla mill-Isqof Mauro Caruana li kien assistiet mill-Isqof Giovanni M. Camilleri ta' Għawdex u l-Isqof Fra. Angelo M. Portelli, Vigarju Ġenerali ta' Malta. Dwar l-inkurunazzjoni tal-istatwa tal-Bambina ktibt is-sena l-oħra!



*Il-kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż li tqiegħdet fuq Ras il-Bambina mill-Arċisqof Mauro Caruana nhar l-4 ta' Settembru 1921*



*Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina fl-1943*

Ovvjament ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir u t-tluq tal-Franċiżi minn Malta għandhom rabta storika ma' Jum it-8 ta' Settembru, kif ukoll it-tmiem tal-gwerra għalina. Kien proprju fit-8 ta' Settembru 1943, meta ċediet l-Italja! F'dik is-sena l-istatwa tal-Bambina nġiebet minn Birkirkara, u kif waslet l-Isla ttieħdet proċessjonalment fil-Knisja ta' San Filippu. Jum il-festa, waqt li l-Istatwa tal-Bambina kienet ix-Xatt, messaġġier tal-gvernatur avviċina lill-Arċipriet Emmanuel Brincat (1940-1947) u għaddielu messaġġ li l-Italja kienet ċediet. Hekk kif l-istatwa tal-Bambina daħlet fil-Knisja ta' San Filippu, l-Arċipriet Brincat minn fuq l-artal, qara l-messaġġ tal-Gvernatur li l-Italja kienet ċediet lill-alleati. Wara tkanta t-*Te Deum* bħala ringrazzjament lil Alla, fost ferħ u emozzjoni kbira tan-nies miġbura fil-knisja.

Fl-1946, il-poplu Senglean fakkar il-ħamsa u għoxrin anniversarju mill-inkurunazzjoni tal-Bambina b'ċerimonji solenni fil-Knisja ta' San Filippu bil-paneġierku ssir minn Kan. Dun Ġorġ Sciriha. Jingħad li minkejja kienet għadha kemm spiċċat it-Tieni Gwerra Dinjija u l-Isla kienet għadha ħerba waħda, il-Knisja ta' San Filippu kienet mimlija daqs bajda bis-Sengleani, b'ħafna minnhom jerġgħu lura f'belthom biex jagħtu ġieħ lill-Bambina.

Fl-4 ta' Settembru 1971, l-Arċipriet Dun Ġwann Sladden (1966-1985) talab lill-poplu Senglean biex għal darb'oħra huwa juri mħabbtu lejn il-Bambina bħalma għamlu missirijietna fl-1921. Huwa xtaq, li bħalma għamlu huma ħamsin sena qabel, huma wkoll jagħtu rigal sabiħ lill-Madonna. Il-poplu xegħel għax-xewqa tal-Arċipriet, tant, li kien hemm min li fil-jiem ta' wara avviċinah u tah oġġetti tad-deheb. Peress li oriġinalment iċ-ċerimonja ta' tifkira kienet ippjanata li ssir fix-Xatt minħabba x-xita din tħassret. Il-poplu Senglean ma qatax qalbu! Bi ħġaru nġabar fil-knisja Bażilikali biex jassisti għall-funzjoni tat-tqegħid tal-Warda Tad-Deheb u Djamanti (disinn ta' Envin Cremona u xogħol tad-ditta John Doublesin Muscat). Għal din l-okkażjoni storika ġie fostna l-Kardinal Giacomo Lecaro (Arċipriet ta' Bologna) biex huwa, f'isem il-poplu Senglean, miġbur fil-knisja jqiegħed il-Warda tad-Deheb u ħaġar prezzjuż f'riġlejn il-Bambina. Preżenti, għal din l-okkażjoni memorabbli fl-istorja glorjuża tal-Belt Senglea attenda l-Gvernatur Ġenerali Sir Anthony Mamo (wara l-ewwel President ta' Malta Repubbika), l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi u għadd kbir ta' persuni distinti oħra. Wara diskorsi tal-okkażjoni mill-Arċipriet Sladden u mill-Kardinal Lercaro, wasal il-ħin li ssir il-preżentazzjoni tal-Warda tad-Deheb, fejn l-Arċipriet Sladden, quddiem il-Kardinal Lercaro, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, Sir Anthony Mamo bħala rappreżentat tal-poplu Senglean, u quddiem żewġ xhieda - l-ispiżjar Alfred Fiorini u Giuseppi Bonanno, sar il-kuntratt tal-għoti ta' din il-Warda prezzjuża li ġie magħmul min-Nutar Paolo Zammit Pace.

Niftakar li wara t-tberik tal-Warda, il-Kardinal Lercaro, megħjun mill-Arċipriet Sladden poġġa l-Warda tad-Deheb u Djamanti f'riġlejn il-Bambina bħala turija ta' mħabba kbira li l-poplu Senglean minn dejjem kellu lejn il-Madonna. Hekk kif il-Kardinal Lercaro bies riġlejn il-Bambina u poġġa l-Warda, il-poplu miġbur infexx f'ċapċip kbir u b'vuċi waħda kantaw, strofa mill-poeżija sabiħa (Innu lil Marija Bambina) ta' Patri Mattew Sultana:

**Għal darba'oħra xewqitna temmejna,**
**B'din il-Warda li qiegħda f'riġlejk**
**Omm li ssaħħar is-sema bi ġmielek**
**Għax wara Alla ma joqgħod ħadd ħdejk...**

Fiż-żmien l-Arċipriet Dun Vinċenz Cachia (1985-2002), nhar il-21 ta' Awwissu tal-1996, proprju tliet ġimgħat qabel it-tifkira u l-kommemorazzjoni tal-75 anniversarju mill-inkurunazzjoni tagħha, l-istatwa tal-Bambina ttieħdet fil-Konkatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Wara jumejn ta' ċelebrazzjonijiet solenni reġgħet inġiebet lura fis-Santwarju tagħha b'pellegrinaġġ kbir li kien ġie deskritt bħala wieħed mill-aqwa manifestazzjonijiet Marjani li qatt saru f'pajjiżna fis-seklu l-ieħor. Għal darb'oħra, il-poplu Malti wera tabilħaqq kemm hu devot tal-Verġni Mqaddsa!

Wara l-ħruġ tal-istatwa mill-Konkatidral ta' San Ġwann, il-pellegrinaġġ għadda mit-Triq Merkanti sax-Xatt tal-Belt. L-istatwa tal-Bambina ttellgħet fuq barkun imżejjen (misluf mill-*Malta Drydocks*) u qasmet il-kanal għax-Xatt tal-Isla fost il-briju u ferħ kbir mill-eluf kbar ta' nies li nġemgħu matul ix-xtut fuq iż-żewġ naħat ta' Dockyard Creek. Wara li l-istatwa tal-Bambina tniżżlet minn fuq il-barkun fost iċ-ċapċip u kant tal-innu popolari mill-mijiet ta' Sengleani li nġemgħu bi ħġarhom ix-Xatt tal-Isla biex jistennew il-wasla tagħha, hija ttellgħet proċessjonalment sas-Santwarju tagħha fost il-kant ħlejju tal-Ave Maria u innijiet Marjani oħra.

Is-sena l-oħra (2017), fuq l-inizjattiva tal-Arċipriet il-Kan. Dun Robin Camilleri (2014 - ), sar studju xjentifiku u restawr fuq l-istatwa tal-Bambina. Sar ukoll xogħol ta' konservazzjoni u restawr fuq l-anġli. Minn *Ct Scan* li sar qabel ma beda r-restawr instab li z-zokk (injam) li minnu saret l-istatwa (skultur mhux magħruf) kien għadu fi stat tajjeb u meħlus minn kull tip ta' susa. Ir-restawr fuq l-istatwa fuq il-Bambina sar mir-restawratriċi Valentina Lupo u Maria Grazia Zenzani mill-kumpanija *Atelier Del Restauro*.

Waqt li din is-sena l-poplu Senglean b'ferħ kbir qiegħed ifakkar u jikkommemora l-400 sena mill-wasla tal-istatwa tal-Bambina ġewwa l-Belt ta' Senglea (1618-2018), bil-mod il-mod qegħdin noqorbu lejn data oħra importanti fl-istorja ta' beltna. Tliet snin oħra (2021) aħna nfakkru u nikkommemoraw il-100 anniversarju tal-inkurunazzjoni ta' din l-istatwa mirakoluża - li skont l-istoriċi tagħna, barra li hi l-ewwel statwa li ħarġet proċessjonalment f'Malta, hi wkoll l-ewwel statwa li ġiet inkurunata f'pajjiżna.


8th September Boutique

32, Triq is-Sur, Senglea • Tel: 2756 5113 • Mob: 7765 6157
E-mail: francesandfrankie@onvol.net
Propjetarji: Frances u Frankie Scerri



Fejn issibu ħwejjeġ tan-Nisa u tal-Irġiel, Żraben, Handbags, Hwejjeġ Intimi u Bikini's

Prezzijiet Moderati

Nawguraw il-Festa t-Tajba lis-Sengleani kollha